## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 206/2022: **GOOD EARTH DISTRIBUTORS LTD (C6370) V. MAIN STORE FOODS LTD (C93592)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Good Earth Distributors Ltd ("il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2022[1] li permezz tiegħu talbet lil Main Store Foods Ltd ("il-kumpanija intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti li:

tħallasha s-somma ta' disat elef, ħames mija u disgħa u sebgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€9,579.20) rappreżentanti konsenja u/jew bejgħ ta' prodotti u/jew servizzi lilek mill-kumpannija attriċi fuq inkarigu u struzzjonijiet tiegħek stess u dan stante li tali somma hi dovuta u int għad ma ħallastx. Dan l-ammont jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

Illi l-attrici ttentat tinterpellak diversi drabi biex inti tħallasha l-ammont minnek dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 30 ta' Mejju, 2022 (ara Dok. 'B') u ittra uffiċċjali numru 1750/2022 maħruġa a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u preżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liem'ittra baqgħet pero' mhix notifikata (ara Dok. 'C'). Għalhekk, inti bqajt inadempjenti u għalhekk din is-somma għadha ma tħallsitx u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

wara li rat ir-risposta tal-kumpanija intimata ppreżentata fit-8 ta' Novembru 2022[2] li permezz tagħha din laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

[1] Fol 1-6
[2] Fol 11-12

1) Illi preliminarjament id-dejn mitlub jinsab fuq il-kummpanija Main Store Foods Limited li tinsab gewwa l-Handaq u mhux gewwa l-indirizz indikat fir-rikors promotur.

2) Illi d-debitur principali ta' dan id-dejn hija s-Socjeta Main Store Foods Ltd.

3) Illi l-konvenuta Nicole Xuereb dahlet biss bhala direttur manigerjali ta' din il-kumpanija wara d-demora ta zewgha Christopher Xuereb fis-sena 2019 u dan kif ser jirrizulta aktar car waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern.

4) Illi Nicole Xuereb taf li d-dejn indikat mis-Socjeta rikorrenti huwa cert u dovut izda ma tistax tinzamm responsabbli hija personalment ghalih.

5) Illi l-ebda cheque ma qatt hareg favur is-Socjeta rikorrenti minghand Nicole Xuereb u ghalhekk il-konvenuta ma tale dejn jappartjeni biss lil kumpanija Main Store Foods Limited u ghandhu japplika fuq il-kontijiet appartanenti lis-Socjeta konvenuta biss.

6) Illi anke kieku jirrizulta li nhareg xi cekk mill-konvenuta Nicole Xuereb dan ma jfissirx illi id-debitu huwa taghha personalment.

7) Di piu skond l-Artikolu 1929 tal-kodici Civili il-garanzija ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa.

8) Illi l-konvenuta Nicole Xuereb ma tistghax tinzamm responsabbli personalment ghal tale dejn jekk dejjem jirrizulta stante illi ma kenitx topera minn tale kumpanija appena sar tale dejn.

9) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

wara li rat li fl-ewwel seduta u ċioe f'dik tat-13 ta' Marzu 2023 dehret Nicole Xuereb għan-nom tal-kumpanija intimata li ammettiet it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti mingħajr kundizzjoni,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Minkejja li din il-kawża inizjalment ġiet ikkuntestata (b'numru mdaqqas ta' eċċezzjonijiet intavolati fir-risposta), fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023 il-kumpanija intimata tramite id-direttur tagħha Nicole Xuereb ammettiet it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti. [3]

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

3. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

    1. **Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' disat elef ħames mija u disgħa u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€9,579.20) rappreżentanti prezz ta' prodotti/servizzi kkonsenjati/reżi lilha fuq struzzjonijiet tagħha stess liema prezz baqa' ma' tħallasx*;***

    2. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub;**

    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[3] Fol 20